# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza ta' nhar tat-13 ta' Frar 2023**

**Talba nru. 248/2021**

**FIRE-TECH LIMITED**
**(C-17901)**

***VERSUS***

**LARA DEVELOPMENTS LIMITED**
**(C- 42868)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' Avviz ipprezentat fil-25 t'Awwissu 2021 is-socjeta attrici talbet lis-socjeta konvenuta thallas l-ammont ta' elf mitejn u disghin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (Eur 1,290.27) rapprezentanti prezz ta' prodotti u servizzi pprovduti mill-kumpannija attrici lill-kumpannija intimata fuq ordnijiet taghha stess. Is-socjetat attrici talbet ukoll l-imghax bir-rata legali mid-data tal-fatturi relattivi u l-ispejjez kollha relatati ma' din il-kawza inkluz l-ispejjez ta' l-ittra bonarja u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

Ra li wara li saru diversi tentattivi għan-notifika tas-socjeta konvenuta, kellha tiġi adoperata l-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetti lokali.

Illi is-socejeta konvenuta giet notifikata permezz tal-procedura ta' l-affissjoni fl-10 ta' Mejju 2022 fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara u fil-Kunsill Lokali ta' Iklin kif ukoll ma' l-indirizz indikat (Fol 15). Saret in-notifika fil-Gazzetta tal-Gvern fil-31 ta' Mejju 2022 kif jidher a Fol. 16 u l-pubblikazzjoni f'gazetta lokali kif jidher a fol.21.

Ra illi wara li s-socjeta konvenuta gie nnotifikata hija la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha biex issehh kontestazzjoni tat-talba tal-attrici. Ghalhekk, is-socjeta konvenuta waqghet fi stat ta’ kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra l-kapitoluipprezentat mis-socjeta attrici fil-15 ta’ Novembru 2022 (Fol.30).

Sema x-xhieda ta’ Dr. Emma Grech ghan-nom tas-socjeta attrici, kif awtorizzata, tikkonferma bil-gurament illi l-ammont mitlub kien ghadu dovut u dan ghal xogholijiet li saru kif jidher fid-dokumentazzjoni annessa mat-Talba.

Ra illi fl-udjenza tat-12 ta’ Jannar 2023, is-socjeta attrici iddikjarat provi maghluqa.

Ra l-atti processwali kollha u li din it-Talba thalliet ghas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi il-konferma bil-gurament min-naha tas-socjeta attrici illi l-ammont mitlub ghadu dovut u tenut kont tad-dokumenti ipprezentati (Fol.2), din ghandha titqies bhala prova sodisfaċenti u kompluta u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni sabiex jiddubita l-veraċità ta’ din ix-xhieda.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tas-socjeta konvenuta iżda kontestazzjoni ta’ l-istess. Għalkemm is-socjeta konvenuta baqghet kontumaċi, dan ma jfissirx li hija abbandunat kull eċċezzjoni li setghet taghmel fil-kawża u ammettiet id-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta’ Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma’ kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta’ min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim’ Awla fil-31 ta’ Jannar 2003).

Għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, u l-attur xorta jrid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim’ Awla fit-12 ta’ Lulju 2001).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema’ ix-xhieda, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-socjeta attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba. It-Tribunal ha kont ta’ dak li affermat bil-gurament Dr. Grech ghan-nom tas-socjeta attrici inkluz l-statements ipprezentati li jghajjtu lis-socjeta konvenuta.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundannaha thallas l-ammont ta' elf mitejn u disghin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (Eur 1,290.27) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mill-25 t'Awwissu 2021(li hi d-data ta' l-intavolar tal-prezenti proceduri) li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tas-socjeta konvenuta inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1668/202.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur